

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

### OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-10 ta' Mejju 2023**

**b'rabta mal-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mill-workshop il-ġdid AMC2, li jinsab fis-sit industrijali ta' Tricastin fi Franza**

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

(2023/C 174/01)

Il-valutazzjoni ta' hawn taħt saret skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom, mingħajr preġudizzju għal xi valutazzjoni addizzjonali li għandha ssir skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-obbligi li jirriżultaw minnu u mil-leġiżlazzjoni sekondarja (¹).

Fis-6 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet id-Data Ġenerali mingħand il-Gvern ta' Franza, b'rabta mal-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv (²) li jirriżulta mill-workshop il-ġdid AMC2, f'konformità mal-Artikolu 37 tat-Trattat Euratom.

Abbażi ta' din id-data u tal-informazzjoni addizzjonali li l-Kummissjoni talbet fid-29 ta' Settembru 2022 u li l-awtoritajiet Franċiżi pprovdewlha fil-31 ta' Jannar 2023, u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanza mis-sit għall-eqreb fruntiera ta' Stat Membru ieħor, f'dan il-każ l-Italja, hija ta' 170 km.
2. Matul it-tħaddim normali, l-iskariki ta' effluwenti radjuattivi likwidi jew gassużi mhux qed jitqiesu li jistgħu jikkawżaw esponiment sinifikanti tal-popolazzjoni ta' Stat Membru ieħor mil-lat ta' saħħa, fir-rigward tal-limiti tad-doża stabbiliti fid-Direttiva tal-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza (³).
3. L-iskart radjuattiv solidu se jiġi ttrasferit ffaċilitajiet liċenzjati tat-trattament (il-workshop TRIDENT fis-sit industrijali ta' Tricastin) jew tar-rimi li jinsabu fi Franza.

(¹) Pereżempju, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-aspetti ambjentali jenħtieġ li jiġu vvalutati fiktar dettall. B'mod indikattiv, il-Kummissjoni tixtieq tiġib l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE; tad-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijjiet u programmi fuq l-ambjent, tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, u tad-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma.

(²) Ir-rimi tal-iskart radjuattiv skont it-tifsira tal-punt 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/635/Euratom tal-11 ta' Ottubru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tat-Trattat Euratom (ĠU L 279, 23.10.2010, p. 36).

(³) Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1);

4. F'każ li jkun hemm rilaxxi mhux ippjanati ta' effluwenti radjuattivi li jistgħu jseħħu wara xi aċċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Data Ġenerali, dawn ir-rilaxxi ma għandhomx jirriżultaw fkontaminazzjoni radjuattiva tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor li tkun sinifikanti mil-lat tas-saħħha, fkonformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Istands Bažiċċi tas-Sikurezza.

Bħala konklużjoni hija tal-opinjoni li l-implementazzjoni tal-pjan għar-riġi tal-iskart radjuattiv fi kwalunkwe għamlu li jirriżulta mill-workshop il-ġdid AMC2, li jinsab fis-sit industrijali ta' Tricastin fi Franzia, kemm waqt it-tħaddim normali kif ukoll fil-każ tal-aċċidenti tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Data Ġenerali, x'aktar li ma tirriżultax fkontaminazzjoni radjuattiva, tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor li tkun sinifikanti mil-lat tas-saħħha, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva tal-Istands Bažiċċi tas-Sikurezza.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Mejju 2023.

*Għall-Kummissjoni*

Kadri SIMSON

*Membru tal-Kummissjoni*